MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1399/2010

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Joseph Desira**

**It-Tribunal,**
Ra l-Avviz tat-talba datat 19 ta April 2010 li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet il-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tletin Ewro u ghoxrin centezmu (€2,630.20) minghand il-konvenut rapprezentanti danni kkagunati minnu fuq taghmir tal-Korporazzjoni attrici nhar l-20 t'Awissu 2008 fi Triq Spadaro, Zabbar. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna il-konvenut jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, sitt mija u tletin Ewro u ghoxrin centezmu (€2,630.20) minghand il-konvenut bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament il-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------